# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 24/2015**

Il-Pulizija

(Ass. Kumm. Norbert Ciappara)

vs

**Robert Zammit**

iben Richard, imwieled Pieta', fil-25 ta' Lulju, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 412378(M)

Illum, 2 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Robert Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli 25 ta' Settembru, 2014:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet fit-tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Kellu l-istess droga f'distanza ta' anqas minn mitt metru minn skola u jew post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u t-tieni proviso tal-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 ta' l-1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva, - u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero', jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u disgha u erbghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€449.43), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Robert Zammit ipprezentat fit-30 ta' Jannar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih limitatament ghall-uzu personali u tirrevokaha fil-bqija u konsegwentement tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta giet biex tapplika c-cirkostanza aggravanti kif ukoll interpretat hazin il-ligi meta spostat l-oneru tal-prova fuq l-esponent.

Illi l-esponent xehed li fiz-zmien ta' l-akkuzi huwa kien dipendenti minn din id-droga u kien ipejjep diversi *joints* kuljum. Dan il-fatt gie konfermat mit-tfajla tieghu Tania Grima. Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza appellata, dehrilha li kellha taghmel apprezzament kwazi xjentifiku ta' kemm jistghu johorgu *joints* minn gramma raza tal-*cannabis* u ezercizzju konsegwenzjali matematiku ta' kemm l-esponent kellu jpejjep *joints* fil-gimgha. Jinghad bl-aktar rispett li dan l-ezercizzju huwa fallaci. Fl-ewwel lok il-Qorti strahet fuq figura moghtija lilha mill-prosekuzzjoni – dik ta' 0.3 grammi ghal kull *joint*. Jigi rilevat li l-hsibijiet tal-prosekuzzjoni ma jistghu qatt jissostitwixxu dak li ghandu jigi ppruvat bil-provi. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-ammont ta' raza li solitament ikun hemm f'*joint* lanqas ma huwa fatt li l-Qorti tista' tiehu *judicial notice* tieghu.

Illi huwa ghalhekk ferm preokkupanti kif il-Qorti tal-Magistrati skartat il-versjoni ta' l-esponent a bazi ta' kalkoli matematici u opinjonijiet xjentifici li ma jsibu ebda riskontru fl-atti akkwiziti. Dak li jirrendi dan il-fatt izjed gravi hu li l-Qorti tal-Magistrati nduciet lill-prosekuzzjoni taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas b'awtorizzazzjoni – wara it-trattazzjoni finali – sabiex "tippresenta nota dwar fatti xjentifici ta' droga cannabis" (vide verbal tat-23 ta' Marzu, 2012 a fol. 46). Jinghad bl-akbar rispett li l-prosekuzzjoni ghandha titmexxa mill-Pulizija Ezekuttiva minghajr l-ghajnuna ta' hadd u fejn il-provi ma jwasslux ghat-tezi taghha ghandha tkun il-Qorti li serenament tiddikjarah minghajr mezzi termini. Ta' min izid li nonostante l-awtorizzazzjoni mhux rikjesta kif spjegat iktar 'l fuq, il-prosekuzzjoni ma pprezentat ebda nota.

Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li f'dan il-kaz kellu jkun hu li jgib il-prova, fuq bazi ta' probabilita`, li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu. In sostenn ta' din it-tezi il-Qorti tal-Magistrati ccitat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija v Stephen Abela (18.08.2005)*. Minghajr ma jidhol fi kwistjonijiet ta' kemm, mill-aspett tar-regoli ta' l-evidenza, hija korretta din is-sentenza, l-esponent jirrileva li l-ammont ta' 19.7 grammi raza huwa ammont

li wiehed jista' facilment jassocjah ma' uzu esklussiv. Huwa risaput li min ipejjep ir-raza ma jixtrix *joint* kull darba li jkollu aptit wiehed izda, anke sabiex jigi mitigat ir-riskju li jinqabad, jixtri ammont li jservih ghal certu perijodu ta' zmien. Ghalhekk, ghalkemm dan l-argument huwa pjuttost akkademiku, ma kienux jezistu f'dan il-kaz l-estremi sabiex jigi spostat l-oneru tal-prova fuq l-esponent. Kienet il-prosekuzzjoni li kellha tipprova l-imputazzjoni kif migjuba, inkluz ic-cirkostanzi aggravanti, u mhux l-imputazzjoni tintefa' hemmhekk u ma tigix sostnuta bil-provi. Dan hu l-ezercizzju ta' evalwazzjoni u apprezzament li kellha taghmel il-Qorti u mhux semplicement taccetta l-imputazzjoni bl-aggravanti qisu xejn m'hu xejn. Ghal kull buon fini jinghad li l-argument, kif rilevat iktar 'l fuq, huwa ta' natura akkademika ghaliex effettivament l-esponent ipprova, permezz tax-xiehda tieghu u tat-tfajla tieghu, li huwa kien ipejjep hafna f'dan il-perijodu.

Illi finalment jinghad ukoll li l-prosekuzzjoni ghazlet li ma ttellax jixhed lil Michael Galea li kien ma' l-esponent meta huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija. Fi kliem iehor il-prosekuzzjoni abdikat milli ggib il-provi li setghu jsostnu dak li kienu qed jallegaw. Naturalment dan sar bil-konsapevolezza u l-konfort ta' interpretazzjonijiet drakonjani u minghajr sostenn fil-ligi dwar min ghandu l-piz tal-prova f'kazijiet bhal dawn. Dan l-argument jassumi iktar sahha fil-kaz in dizamina fejn l-imputazzjoni hija limitata ghal gurnata partikolari – il-"25 ta' Settembru 2004". F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel cirkostanza aggravanti fl-imputazzjoni u l-esponent, da parti tieghu, gab il-prova li r-raza misjuba kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Ma hemm xejn fl-atti li javalla t-tezi tal-prosekuzzjoni u ma hemm xejn fl-atti li jikkontradici t-tezi tad-difiza. Ghalhekk l-esponent ma kellu qatt jinstab hati ta' l-aggravanti msemmija.

Illi t-tieni u l-ahhar aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena erogata hija gravuza hafna.

Illi jidher li dak li mmotiva lill-Qorti teroga piena ta' sentejn u nofs prigunerija, oltre l-multa, kien principalment il-fatt li l-esponent ma ghamilx programm residenzjali ta' riabilitazzjoni. Naturalment il-fatt li l-esponent m'ghadux jiehu din id-droga gie ghal kollox injorat.

Illi l-esponent ghamel kwazi hames snin jistenna lill-Qorti tal-Magistrati taghti s-sentenza taghha. Ic-cirkostanzi ta' dan id-dewmien mhux gustifikat huma varji izda certament ma jistghux jigu addebitati lill-esponent. Fl-ewwel seduta intiza ghall-provi tad-difiza, l-esponent xehed, gab il-provi tieghu u l-kawza giet trattata mid-difensur tieghu. L-esponent ghex hames snin ta' tensjoni sabiex jigi ggudikat ghal fatt li sehh iktar minn ghaxar snin ilu. Dan ma huwiex gust u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena.

Illi l-esponent huwa persuna li m'ghandux fedina penali allarmanti u ghex dawn l-ghaxar snin il-boghod mill-kriminalita`. L-esponent jghix hajja stabbli ma' tfajla – l-istess wahda li kienet mieghu fiz-zmien ta' l-imputazzjoni. Ghalhekk lanqas ma huwa gust li wara 'l fuq minn ghaxar snin meta nstab fil-pussess ta' inqas minn ghoxrin gramma raza tal-*cannabis*, jintbaghat sentejn u nofs prigunerija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura

dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubbklika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant instab fil-pussess ta' 19.7 grammi cannabis b'purita' ta' 5.2 fil-mija. Dak iz-zmien hu kellu l-vizzju tad-droga u kien ipejjep il-cannabis regolarment. Illum, hu hareg minn dan il-vizzju.

Illi fl-ewwel seduta tal-4 ta' Frar, 2008 hu ammetta li din id-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Ammetta wkoll li kien f'distanza ta' inqas minn mitt metru minn skola izda meta gara l-incident kien is-sibt fil-ghaxija u l-iskola kienet maghluqa.

Illi mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li tavalla t-tezi taghha li tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi ghalhekk, l-appellant ghandu jinstab hati li hu kellu d-droga u li din kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Robert Zammit. Issibu hati biss ta' pussess semplici tad-droga cannabis u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Robert Zammit. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok

tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta' periti fis-somma ta' erba' mija u hamsin euro (€450).